

Brussell, 16 ta' Mejju 2019  
(OR. en)

9201/19

DEVGEN 103  
ACP 58  
RELEX 488  
FIN 350  
OCDE 4

#### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

---

|       |                                  |
|-------|----------------------------------|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| fi:   | 16 ta' Mejju 2019                |
| lil:  | Delegazzjonijiet                 |

---

|                  |         |
|------------------|---------|
| Nru. dok. preċ.: | 9080/19 |
|------------------|---------|

---

|          |                                                                                                                                                    |
|----------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Suġġett: | Rapport Annwali tal-2019 lill-Kunsill Ewropew dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna għall-Iżvilupp<br>- Konklużjonijiet tal-Kunsill (16 ta' Mejju 2019) |
|----------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali tal-2019 lill-Kunsill Ewropew dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna għall-Iżvilupp, kif adottati mill-Kunsill fit-3690 laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Mejju 2019.

## **Rapport Annwali tal-2019 lill-Kunsill Ewropew dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna għall-Iżvilupp**

### **Konklużjonijiet tal-Kunsill**

1. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa (AAAA) tal-2015, li hija parti integrali tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u li ttiprovdi qafas globali għal finanzjament għal żvilupp sostenibbli. Hija tistabbilixxi paradigma ġdida biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) permezz tal-użu effettiv tal-flussi finanzjarji kollha kif ukoll tal-mezzi mhux finanzjarji ta' implimentazzjoni, b'enfasi fuq l-azzjoni domestika u politiki tajbin.
2. F'xenarju ta' finanzjament dejjem aktar kumpless, il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol kruċjali li għandha l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) biex tgħin biex jinkisbu l-SDGs. Il-Kunsill jisħaq li l-ODA hija element importanti u katalitiku fil-finanzzjament ġenerali disponibbli għall-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. L-ODA tista' tgħin fil-kisba ta' mezzi oħra ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari l-finanzzjament domestiku pubbliku u l-investiment tas-settur privat, iżda wkoll ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni.
3. Il-Kunsens Ewropew il-ġdid għall-Iżvilupp, adottat f'Ġunju tal-2017, jirrispondi għall-Aġenda tal-2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-AAAA, li, bħall-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima, ġew adottati fl-2015. Il-Kunsens jikkonferma l-impenji tal-UE u tal-Istati Membri dwar il-finanzzjament għal żvilupp sostenibbli, inkluż l-ODA.
4. Fis-17 ta' Ġunju 2010 il-Kunsill Ewropew talab lill-Kunsill jagħmel rapport annwali dwar l-impenji tal-UE u tal-Istati Membri u r-riżultati tagħhom b'rabta mal-ODA<sup>1</sup>. Dan huwa d-disa' rapport annwali ta' dan it-tip lill-Kunsill Ewropew.

---

<sup>1</sup> Ara l-Anness għall-impenji dwar l-ODA.

5. Il-Kunsill jilqa' l-analiżi tal-Kummissjoni tat-tendenzi fir-rigward tal-impenji kollettivi u individwali tal-UE għall-ODA, ibbażata fuq informazzjoni preliminari mill-OECD-DAC dwar l-ODA tal-2018<sup>2</sup>.
6. Il-Kunsill jirrikonoxxi li minkejja li l-ODA hija kwantitattivament żgħira għall-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp kollha kemm huma, hija tibqa' sors ewlieni ta' finanzjament għall-aktar pajjiżi fqar, għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs) u għall-pajjiżi fi stat ta' fraġilità jew konflitt, li b'mod partikolari għandhom nuqqas ta' kapaċità domestika biex jiġbru finanzjament minn sorsi oħra.
7. B'kont meħud ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill jixtieq jirrapporta l-elementi li ġejjin lill-Kunsill Ewropew:
  - a) L-UE u l-Istati Membri tagħha żammew il-pożizzjoni tagħhom bħala l-akbar fornitur globali tal-ODA (ara l-Figura 1), li tammonta għal kważi 57 % tat-total tal-ODA għal pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp minn membri tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp (DAC) tal-OECD.

---

<sup>2</sup> [http://europa.eu/rapid/press-release\\_IP-19-2075\\_en.htm](http://europa.eu/rapid/press-release_IP-19-2075_en.htm)

- b) Fl-2018, l-ODA kollettiva tal-UE<sup>3</sup> laqget EUR 74.4 biljun<sup>4</sup>. Bl-użu tal-metodoloġija preċedenti tal-OECD-DAC, din naqset b'EUR 731 miljun<sup>5</sup> f'termini nominali, meta mqabbla mal-2017.
- c) L-ODA kollettiva tal-UE tirrappreżenta 0.47 % tad-Dħul Nazzjonali Gross tal-UE<sup>6</sup> (DNG)<sup>7</sup>. Is-sena li għaddiet, bl-użu tal-metodoloġija OECD-DAC preċedenti, il-proporzjon kien ta' 0.50 %<sup>8</sup>.

- <sup>3</sup> L-ODA kollettiva tal-UE hija s-somma tal-ODA mill-Istati Membri tal-UE u l-parti tal-ODA pprovduta mill-istituzzjonijiet tal-UE li mhix attribwita lill-Istati Membri. Il-biċċa l-kbira tal-infiq tal-istituzzjonijiet tal-UE fuq l-ODA hija attribwita lill-Istati Membri tal-UE, jiġifieri d-data tal-Istati Membri tinkludi parti mill-infiq tal-istituzzjonijiet. L-ODA pprovduta permezz tar-riżorsi proprji tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) mhix attribwita lill-Istati Membri u hija addizzjonali għall-ODA tal-Istati Membri.
- <sup>4</sup> Fuq bażi ta' ekwivalenti ta' għotja. Il-"metodu tal-ekwivalenti ta' għotja" għdid użat mill-OECD-DAC jirrapporta l-ekwivalenti ta' għotja ta' self, ikkalkulat abbażi tal-isforz donatur. Il-metodoloġija tassenja perċentwal lil kull self aġevolanti fuq il-bażi ta' bosta parametri (riskju ta' inadempjenza mkejjeġ ex-ante skont il-grupp tad-dħul tal-pajjiż benefiċjarju, it-tul tas-self, ir-rata tal-imgħax, il-perijodu ta' grazzja). Dan il-perċentwal (l-hekk imsejjaħ "element ta' għotja"), huwa applikat għall-ammont tas-self biex jiġi kkalkulat l-"ekwivalenti ta' għotja", jiġifieri l-"porzjon ta' għotja" tas-self, li issa huwa rreġistrat fl-istatistika tal-OECD DAC. Is-sistema l-għdida ttejjeb ir-rappurtar tas-self tal-ODA u tippermetti li jitqiesu l-isforzi magħmula mid-donaturi biex jipprovdu self skont il-livell ta' konċessjonalità tagħhom, jiġifieri, il-livell ta' benefiċċju għal min jissellef meta mqabbel ma' self bir-rata tas-suq. Ara Anness 2.
- <sup>5</sup> Ikkalkulat fuq bażi ta' flussi. Fil-passat, l-OECD-DAC użat "metodu ta' bażita' flussi". Il-flussi attwali tal-flus bejn donatur u pajjiż riċevitur ġew irreġistrati u ġie rreġistrat self b'"valur par" bħala ODA iżda ħlasijiet sussegwenti minn pajjiżi mbaġħad ġew imnaqqsa bħala ODA negattiva, sabiex fl-aħħar mill-aħħar is-self ipproduċa ODA netta żero, ħlief fil-każ ta' inadempjenza. Bil-metodoloġija l-għdida l-fondi minn operazzjonijiet preċedenti ma jingħaddux. Iċ-ċifri tal-ODA ta' "ekwivalenti ta' għotja" mhumieq komparabbli mas-serje storika fuq bażi ta' flussi, għalhekk il-metodu ta' bażi ta' flussi għadu jintuża hawnhekk għall-fini ta' tqabbil ta' tendenzi matul iż-żmien.
- <sup>6</sup> Fuq bażi ta' ekwivalenti ta' għotja.
- <sup>7</sup> Id-Dħul Nazzjonali Gross tal-UE huwa s-somma tad-DNG ta' kull Stat Membru.
- <sup>8</sup> It-tnaqqis fil-proporzjon tal-ODA/DNG tal-UE bejn l-2017 u l-2018 huwa dovut għal tnaqqis fl-ODA tal-UE bi prezzijiet tal-2017 u t-tkabbir tad-DNG tal-UE (li jammonta għal 0.02 punti perċentwali) u l-bidla fil-metodoloġija tal-OECD għar-rappurtar ta' self tal-ODA (li jammonta għal 0.01 punti perċentwali).

- d) Il-proporzjon tal-ODA/DNG tal-UE ta' 0.47 %, għadu oġġla b'mod sinifikanti mill-medja tal-membri tad-DAC li mhumiex fl-UE kienet ta' 0.21 % tad-DNG fl-2018.
- e) Erba' Stati Membri tal-UE laħqu jew qabżu l-livell limitu tal-ODA/DNG ta' 0.7 % (ara l-Figura 2 u t-Tabella 1). F'erba' Stati Membri tal-UE, il-proporzjon tal-ODA/DNG żdied, fi 12 baqa' stabbli<sup>9</sup>, filwaqt li naqas fi 11-il Stat Membru<sup>10</sup>.
- f) L-ODA kollettiva tal-UE, bl-esklużjoni tal-ispejjeż għar-refuġjati fil-pajjiżi donaturi, żdiedet b'4 %, minn EUR 66.2 biljun fl-2017 għal EUR 68.8 biljun fl-2018<sup>11</sup>. Madankollu, il-livell ta' spejjeż għar-refuġjati fil-pajjiżi donaturi<sup>12</sup> irrappurtat bħala ODA mill-Istati Membri tal-UE naqas bi 32 % (EUR 3.3 biljun). Dan it-tnaqqis jirrifletti t-tnaqqis gradwali tal-kriżi tar-refuġjati u n-numru aktar baxx ta' wasliet ta' refuġjati. L-ispejjeż għar-refuġjati fil-pajjiżi donaturi ammontaw għal 9 % tal-ODA totali fl-2018, imqabbla ma' medja ta' 14 % għall-perijodu 2015-2017.
8. Il-Kunsill qed jitħasseb dejjem aktar dwar ix-xejra negattiva tal-ODA kollettiva tal-UE, li naqset għat-tieni sena konsekuttiva, u jiddispijaċih li l-UE tinsab dejjem aktar 'il bogħod mill-kisba tal-mira kollettiva biex tipprovdi 0.7 % tad-DNG bħala ODA.

<sup>9</sup> Il-kelma "stabbli" hawn tirreferi għall-proporzjonijiet ODA/DNG li nbidlu b'inqas minn 0.01 punti perċentwali.

<sup>10</sup> Għal Ċipru, l-ebda stqarrija ma tista' ssir minħabba li ma rrapportax iċ-ċifri tal-ODA tiegħu lill-OECD-DAC.

<sup>11</sup> Ikkalkulat fuq bażi ta' flussi.

<sup>12</sup> L-ispejjeż għar-refuġjati fil-pajjiżi donaturi jistgħu jiġu rrapportati bħala ODA biss skont ir-regoli tal-OECD-DAC. Xi spejjeż biss huma eliġibbli bħala ODA, pereżempju ikel, kenn, taħriġ matul l-ewwel 12-il xahar tas-soġġorn ta' refuġjat jew ta' persuna li tfittex asil f'pajjiż ospitanti.

9. Il-Kunsill jinsab imħasseb serjament li l-UE għadha ma laħqitx il-mira kollettiva tagħha biex tipprovdi 0.15 % - 0.20 % tad-DNG lill-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati fuq medda qasira ta' żmien<sup>13</sup>, iżda jilqa' t-titjib żgħir fl-ODA għal-LDCs, li tela' biex laħaq 0.12 % tad-DNG fl-2017<sup>14</sup> (ara t-Tabella 2) wara tliet snin ta' staġnar b'0.11 % tad-DNG. Madankollu, il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li jiżdiedu l-isforzi biex tintlaħaq il-mira sabiex kollettivament jiġi pprovdut 0.20 % tad-DNG bħala ODA lil LDCs sal-2030.
10. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid it-tmexxija politika u l-impenn tiegħu għall-għajnuna għall-iżvilupp, u jfakkar fl-impnġi individwali u kollettivi b'rabta mal-ODA tal-UE u l-Istati Membri tagħha, kif stabbiliti fil-Kunsens Ewropew il-ġdid dwar l-Iżvilupp. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha sabiex jieħdu azzjonijiet verifikabbli u konkreti biex jintlaħqu dawn l-impnġi u ser ikompli jissorvelja l-progress. Il-Kunsill ser jibqa' jirrapporta kull sena biex jagħti lok għat-trasparenza u r-responsabbiltà pubblika. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li hemm bżonn ta' aktar sforzi biex tintlaħaq il-mira li kollettivament jiġi pprovdut 0.7 % tad-DNG bħala ODA sal-2030, speċjalment fid-dawl tat-tendenza ta' tnaqqis fl-ODA u fid-dawl ta' aktar tnaqqis prevedibbli fl-ispejjeż għar-refuġjati fil-pajjiżi donaturi. Il-Kunsill jenfasizza li l-baġit tal-UE jeħtieġ li jkun ambizzjuż biżżejjed sabiex jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-impnġi kollettivi tal-ODA.
11. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati d-diversità tas-sitwazzjonijiet u l-isfidi speċifiċi tal-pajjiżi li jiggradwaw minn status ta' dħul baxx għal wieħed ta' dħul medju. F'konformità mal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jimpenjaw ruħhom f'kooperazzjoni għall-iżvilupp, fi djalogu politiku u fi sħubijiet ma' Pajjiżi bi Dħul Medju (MICs) dwar l-iżvilupp sostenibbli, il-qerda tal-faqar, l-inugwaljanzi fl-introjtu, u interessi kondiviżi oħrajn. Fir-rigward ta' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp li huma fi stat aktar avvanzat li jeħtieġu anqas jew ma jeħtieġu l-ebda forma aġevolanti ta' assistenza, il-Kunsill ifakkar li l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jiżviluppaw involviment innovattiv, inkluż il-kooperazzjoni finanzjarja u lil hinn minnha.

<sup>13</sup> L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li kollettivament jagħtu lill-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs) ODA li tammonta għal bejn 0.15 % u 0.20 % tad-DNG tal-UE fuq medda qasira ta' żmien u 0.20 % sal-2030 (Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp 2017).

<sup>14</sup> L-2017 hija l-aktar sena reċenti li għaliha hija disponibbli data kompluta. Fl-2017, erba' Stati Membri tal-UE qabżu l-mira tal-2020 ta' 0.15 % tal-ODA/DNG għal-LDCs, ara t-Tabella 2.

12. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tippromwovi miżuri u tvara inizjattivi, li jinvolvu lill-Istati Membri kif xieraq, biex jaħdmu għall-finanzjament sostenibbli tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-SDGs, u jgħinu biex jintlaħqu l-impenji tal-ODA. F'dan ir-rigward, għandha tingħata attenzjoni partikolari lil-LDCs. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tirrapporta b'mod regolari lill-Istati Membri u taġġornahom dwar dawn il-miżuri u inizjattivi.
13. Fil-kuntest tal-politika tal-iżvilupp, il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll l-isfidi partikolari li qed jiffaċċjaw il-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Afrika, u, f'dan ir-rigward, jissottolinja l-importanza li tiġi mmirata ODA għall-kontinent, filwaqt li jiġu rispettati b'mod sħiħ il-prijoritajiet individwali tal-Istati Membri fl-għajnuna għall-iżvilupp.
14. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-prinċipji ta' effettività tal-iżvilupp maqbula fil-kuntest tas-Sħubija Globali dwar Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp. Dawn il-prinċipji huma fundamentali biex jintlaħqu l-SDGs u għandhom jirfdu l-forom kollha ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi kollettivi u l-kisbiet dwar l-Ipprogrammar Konġunt tal-UE u tal-Istati Membri u jappella għal involviment akbar tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fl-effettività tal-iżvilupp u ħidma aħjar flimkien b'użu akbar ta' Ipprogrammar Konġunt, Implimentazzjoni Konġunta u oqfsa ta' Riżultati Konġunti. Il-Kunsill itenni li r-riżorsi kollha tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għandhom jintużaw b'mod effettiv u effiċjenti, skont il-prinċipji ta' effettività tal-iżvilupp.
15. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tas-sorsi kollha ta' finanzjament indirizzati fl-AAAA (pubbliku/privat, domestiku/internazzjonali) u jissottolinja li l-azzjoni domestika tiegħu preċedenza, l-importanza ta' politiki sodi u abilitanti, kif ukoll ir-responsabbiltajiet għall-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż is-settur privat. Il-Kunsill itenni l-ħtieġa għal approċċ komprensiv u integrat biex jingħata appoġġ lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp sabiex jimmobilizzaw il-finanzjament u mezzi oħra ta' implimentazzjoni. Il-Kunsill jistieden lill-UE u lill-Istati Membri biex jivvalutaw modi biex itejbu l-għoti ta' għajnuna mfassla għall-kuntest lokali, u biex jimmassimizzaw l-impatt tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp inkluż permezz tal-għażla tal-modalitajiet ta' għajnuna.

16. Il-Kunsill jistenna b'interess li jkompli jaħdem man-Nazzjonijiet Uniti, ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u ma' banek għall-iżvilupp multilaterali u bilaterali għall-implimentazzjoni tal-AAAA u għall-iżvilupp ta' mekkaniżmi għall-monitoraġġ tal-impatt tagħha u l-valutazzjoni tar-riżultati. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jieħu nota tal-eżitu tal-Forum tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp (FfD) li sar fi New York mill-15 sat-18 ta' April 2019.
17. Il-Kunsill jilqa' r-referenza, fid-dokument ta' eżitu tal-Forum dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp, għal Oqfsa ta' Finanzjament Nazzjonali Integrati b'appoġġ għal strateġiji ta' żvilupp sostenibbli bi sjieda nazzjonali, bil-għan li jimmobilizzaw u jallinjaw b'mod effettiv firxa wiesgħa ta' sorsi u strumenti ta' finanzjament mal-Aġenda 2030 u jagħmlu użu mill-potenzjal sħiħ tal-mezzi kollha ta' implimentazzjoni.
18. Il-Kunsill itenni l-ħtieġa għal approċċ komprensiv u integrat b'appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u jitlob għal ħidma konġunta msaħħa fil-livell tal-pajjiżi bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha u l-partijiet internazzjonali u nazzjonali kkonċernati kollha dwar l-SDGs u, b'mod partikolari, dwar il-finanzjament tagħhom.
19. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jinnota b'interess il-progress fl-iżvilupp tal-miżura statistika l-għdida għal Appoġġ Uffiċjali Totali għall-Iżvilupp Sostenibbli (TOSSD) permezz ta' diskussjonijiet miftuħa, inklużivi u trasparenti fit-task force internazzjonali, inkluż il-finalizzazzjoni tal-istruzzjonijiet ta' rapportar relatati ma' flussi transfruntieri. Il-Kunsill jistenna bil-ħerqa li jara r-riżultati preliminari tal-ewwel sħarriġ tad-data mill-OECD u jitlob għal aktar progress biex jiġu ffinalizzati l-istruzzjonijiet ta' rapportar għall-miżura statistika kollha, inkluż għall-infiq globali u reġjonali - beni pubbliċi, sfidi globali u faċilitaturi tal-iżvilupp. Filwaqt li jappoġġa r-rwol tal-ODA, il-Kunsill jissottolinja li t-TOSSD ser jgħin biex jitkejlu aħjar u jitjiebu t-trasparenza u l-għarfien tar-riżorsi li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, inkluż għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Sabiex it-TOSSD jilħaq dan il-potenzjal, huwa essenzjali li jiġu involuti fornituri emerġenti u li t-TOSSD ikun ankrat fi ħdan in-NU.



## ANNESS 1

**Impenji u Miri Attwali tal-UE għall-ODA****(Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2015 (dok. 9241/15 paragrafi 32-33))**

L-UE (...) tafferma mill-ġdid l-impenn kollettiv tagħha li tilħaq l-mira ta' 0.7 % tal-ODA/DNG fil-perijodu ta' żmien tal-aġenda ta' wara l-2015. L-Istati Membri li nġhaqdu mal-UE qabel l-2002 jirriaffermaw l-impenn tagħhom li jilħqu l-mira ta' 0.7 % tal-ODA/DNG, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi baġitarji, filwaqt li daww li laħqu dik il-mira jimpenjaw lilhom infushom li jżommu mal-mira jew jaqbżuha; L-Istati Membri li nġhaqdu mal-UE wara l-2002 jaħdmu bis-sħiħ biex iżidu l-ODA/DNG tagħhom għal 0.33 %.

Il-komunità internazzjonali għandha tgħin ukoll biex timmira r-riżorsi fejn hemm l-aktar bżonn tagħhom, b'mod speċjali l-LDCs u l-pajjiżi fi stat ta' fraġilità u konflitt. Fil-kuntest tal-impenn totali tal-ODA u filwaqt li tirrispetta b'mod sħiħ il-prijoritajiet individwali tal-Istati Membri fl-għajjuna għall-iżvilupp l-UE ttenni l-impenn tagħha li tappoġġa l-LDCs. L-UE timpenja ruħha li kollettivament tilħaq il-mira ta' 0.15 % - 0.20 % ta' ODA/DNG għal LDCs fil-perijodu qasir, u li tilħaq 0.20 % ta' ODA/DNG għal LDCs fil-perijodu ta' żmien tal-aġenda ta' wara l-2015."

**Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-ġdid - "Id-Dinja tagħna, id-Dinjità tagħna, il-Futur tagħna" (Dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri imlaqqgħin fil-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea tas-7 ta' Ġunju 2017, paragrafu 103)**

L-UE hija kollettivament impenjata li tipprovdi 0.7 % tad-Dħul Nazzjonali Gross (DNG) bħala ODA fil-qafas ta' żmien tal-Aġenda 2030. Biex ir-riżorsi jiġu mmirati fuq fejn hemm l-aktar bżonn, b'mod speċjali l-LDCs u l-pajjiżi fi stat ta' fraġilità u konflitt, l-UE timpenja ruħha wkoll li kollettivament tilħaq il-mira ta' 0.15 – 0.20 % tal-ODA/DNG għal LDCs fil-perijodu qasir, u li tilħaq 0.20 % ta' ODA/DNG għal LDCs fil-perijodu ta' żmien tal-Aġenda 2030. L-UE u l-Istati Membri tagħha jirrikonoxxu wkoll l-isfidi partikolari li qed jiffaċċjaw il-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Afrika. (...) Huma ser ikomplu jimmonitorjaw il-progress u ser jirrapportaw kull sena biex ikun hemm trasparenza u responsabbiltà pubblika.

**Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa (approvata mill-Assemblea Ġenerali fir-risoluzzjoni  
tagħha 69/313 tas-27 ta' Lulju 2015, paragrafi 51 u 52)**

(...) Il-fornituri tal-ODA jaffermaw mill-ġdid l-impenji rispettivi tagħhom b'rabta mal-ODA, inkluż l-impenn minn bosta pajjiżi żviluppati biex jilhqgħu l-mira ta' 0.7 fil-mija tal-ODA/DNG u 0.15 sa 0.20 fil-mija tal-ODA/DNG lill-pajjiżi l-anqas żviluppati. Aħna nhegga minn daww il-ftit pajjiżi li laħqu jew qabżu l-impenn tagħhom għal 0.7 fil-mija tal-ODA/DNG u l-mira ta' 0.15 sa 0.20 fil-mija tal-ODA/DNG lill-pajjiżi l-anqas żviluppati. Aħna nħeġġu lill-oħrajn kollha biex iżidu l-isforzi biex iżidu l-ODA tagħhom u biex jagħmlu sforzi konkreti addizzjonali lejn il-miri tal-ODA. Aħna nilqgħu d-deċiżjoni tal-Unjoni Ewropea li tafferma mill-ġdid l-impenn kollettiv tagħha sabiex tikseb iż-0.7 fil-mija tal-mira tal-ODA/DNG fil-qafas ta' żmien tal-aġenda ta' wara l-2015, u tintrabat li tilħaq kollettivament il-mira ta' 0.15 sa 0.20 fil-mija tal-ODA/DNG lill-pajjiżi l-inqas żviluppati fuq medda qasira ta' żmien, u li tilħaq 0.20 fil-mija tal-ODA/DNG lill-pajjiżi l-anqas żviluppati fiż-żmien stabbilit tal-aġenda ta' wara l-2015. Aħna nħeġġu lill-fornituri tal-ODA jikkunsidraw li jistabbilixxu mira biex jipprovdu mill-inqas 0.20 fil-mija tal-ODA/DNG lill-pajjiżi l-anqas żviluppati.

Aħna nirrikonoxxu l-importanza li niffokaw l-iktar riżorsi aġevolanti fuq daww bl-akbar ħtiġijiet u bl-inqas kapacià li jimmobilizzaw riżorsi oħra. F'dan ir-rigward aħna ninnutaw bi tħassib kbir it-tnaqqis fis-sehem tal-ODA għall-pajjiżi l-anqas żviluppati u nimpenjaw ruħna biex inreġġgħu lura dan it-tnaqqis. Aħna nhegga minn daww li qegħdin jallokaw mill-inqas 50 fil-mija tal-ODA tagħhom lill-pajjiżi l-anqas żviluppati.

## ANNESS 2

### **Metodoloġija ġdida tal-OECD biex jingħadd is-self f'data uffiċjali dwar l-ġhajjnuna**

Fl-2014, il-membri tal-Kumitat ta' Ġhajjnuna għall-Iżvilupp tal-OECD (DAC) iddeċidew li jimmodernizzaw ir-rapportar ta' self aġevolanti billi jivvalutaw il-konċessjonalità tiegħu bbażata fuq rati ta' skont differenzjati skont il-grupp ta' dħul, u introduċew sistema ta' ekwivalenti ta' għotja għall-kalkolu taċ-ċifri tal-ODA. Minflok ma jirreġistraw il-flussi attwali ta' flus bejn pajjiż donatur u pajjiż riċevitur, il-membri tad-DAC qablu li ċ-ċifra nominali għall-ġhajjnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) tkun ibbażata fuq l-ekwivalenti ta' għotja ta' self ta' ġhajjnuna, jiġifieri l-“porzjon ta' għotja” tas-self, espress bħala valur monetarju<sup>1</sup>. Il-metodoloġija tal-ekwivalenti ta' għotja tipprovdi tqabbil aktar realistiku tal-isforz involut fil-provvediment ta' għotjiet u self u tinkoraġġixxi l-għoti ta' għotjiet u self ferm aġevolanti (jew b'kundizzjonijiet favorevoli), speċjalment lil pajjiżi bi dħul baxx.

Fl-2016, il-membri tad-DAC iddeċidew ukoll li japplikaw il-miżura ta' ekwivalenti ta' għotja għal strumenti oħra li mhumx ta' għotja, bħal ekwitajiet u strumenti tas-settur privat (PSI) biex jirriflettuhom aħjar l-isforz tad-donatur involut. Filwaqt li l-membri tad-DAC qablu dwar metodoloġija biex jingħadd l-ekwivalenti ta' għotja ta' self uffiċjali u self lil istituzzjonijiet multilaterali, huma għad iridu jilhqqu ftehim dwar kif jikkalkulaw l-ekwivalenti ta' għotja tal-ODA għal ekwitajiet, strumenti tas-settur privat u ħelsien mid-dejn. Sakemm jintlaħaq qbil, il-membri tad-DAC iddeċidew dwar arranġamenti ta' rapportar proviżorju għall-istrumenti tas-settur privat li permezz tagħhom kontribuzzjonijiet lil Istituzzjonijiet tal-Finanzi għall-Iżvilupp (DFIs) u mezzi oħra ta' strumenti tas-settur privat jistgħu jingħaddu bil-valur par (bl-użu ta' approċċ istituzzjonali), jew self u ekwitajiet magħmula direttament lil entitajiet tas-settur privat jistgħu jingħaddu fuq il-bażi tal-fluss tal-flus (bl-użu ta' proċedura ta' avviċinament)<sup>2</sup>, bi kwalunkwe bejgħ ta' ekwità limitat fil-valur tal-investiment oriġinali. Il-membri tad-DAC ser ikomplu jaħdmu bl-appoġġ tas-Segretarjat tal-OECD fl-2019 biex jilhqqu ftehim, u jagħmlu r-rapportar tal-istrumenti tas-settur privat u l-ħelsien mid-dejn konsistenti mal-metodu l-ġdid ta' ekwivalenti ta' għotja.

<sup>1</sup> Għal aktar informazzjoni, ara: [www.oecd.org/dac/financing-sustainable-development/development-financestandards/official-development-assistance.htm](http://www.oecd.org/dac/financing-sustainable-development/development-financestandards/official-development-assistance.htm).

<sup>2</sup> Għal aktar informazzjoni, ara: [https://one.oecd.org/document/DCD/DAC/STAT\(2018\)9/ADD3/FINAL/en/pdf](https://one.oecd.org/document/DCD/DAC/STAT(2018)9/ADD3/FINAL/en/pdf)

Din il-bidla fil-metodoloġija tal-ODA tidħol fis-seħħ fl-2019 bil-pubblikazzjoni preliminari tal-ODA tal-2018.

Iċ-ċifri l-ġodda nominali tal-ODA "ekwivalenti ta' għotja" m'għadhomx komparabbli mas-serje storika fuq "bażi ta' flus". Fil-bażi ta' flus, il-fluss tal-kapital nett matul il-ħajja ta' self huwa zero minħabba li l-ħlasijiet lura tal-kapital jitnaqqsu meta jsiru; il-ħlasijiet ta' imgħax ma jiġux ikkunsidrati<sup>3</sup>. Fil-metodu tal-ekwivalenti ta' għotja, kemm il-ħlasijiet prinċipali kif ukoll dawk tal-imgħax jiġu kkunsidrati, iżda mnaqqsa għall-valur li jirrappreżentaw fil-flus tal-lum.

Sabiex tkun kompletament trasparenti, l-OECD ser tkompli tippubblika wkoll data tal-ODA fuq bażi tal-flus, iżda mhux bħala c-ċifra nominali tal-ODA sabiex tkejjel il-prestazzjoni tad-donaturi fil-volum jew bħala perċentwal tad-dħul nazzjonali gross (DNG).

*NB: Fil-grafiċi u t-tabelli li ġejjin, sakemm mhux speçifikat mod ieħor, id-data tirreferi għal ODA netta fuq bażi ta' flussi użata għall-fini tat-tqabbil ta' tendenzi matul iż-żmien.*

---

<sup>3</sup> It-tnaqqis tal-ħlasijiet tal-imgħax irendi miżura msejħa "trasferimenti nett".

Figura 1.1 – ODA kollettiva tal-UE bħala % tad-DNG mqabbla mal-fornituri tad-DAC mhux fl-UE matul iż-żmien (fuq bażi ta' flussi)




Figura 1.2 – ODA kollettiva tal-UE mqabbla mal-fornituri tad-DAC mhux fl-UE fl-2018 (bħala ekwivalenti ta' għotja)





Figura 2 – Diskrepanza bejn il-livelli tal-ODA tal-2018 u miri individwali maqbula tat-28 Stat Membru tal-UE u d-direzzjoni tal-bidla mill-2017 sal-2018



Tibdiliet assoluti ta' 0.01 punti perċentwali jew aktar biss huma kkunsidrati bħala żieda jew tnaqqis. Din il-metodoloġija ġiet applikata b'mod konsistenti matul iż-żmien u għandha l-għan li tevita li varjazzjonijiet żgħir jitqiesu bħala żieda jew tnaqqis. L-Istati Membri li esperjenzaw żieda jew tnaqqis żgħir jidhru fost dawk ikkunsidrati stabbli.

Tabella 1 –Stati Membri tal-UE u ODA kollettiva (netta) mill-2010 sal-2018

| Stat Membru     | 2010         |           | 2011        |           | 2012        |           | 2013        |           | 2014        |           | 2015        |           | 2016        |           | 2017        |           | 2018 (fluss) |           | 2018 (għotja ekwivalenti) |           |
|-----------------|--------------|-----------|-------------|-----------|-------------|-----------|-------------|-----------|-------------|-----------|-------------|-----------|-------------|-----------|-------------|-----------|--------------|-----------|---------------------------|-----------|
|                 | EUR Milj uni | % ta' DNG | EUR Miljuni | % ta' DNG | EUR Miljuni | % ta' DNG | EUR Miljuni | % ta' DNG | EUR Miljuni | % ta' DNG | EUR Miljuni | % ta' DNG | EUR Miljuni | % ta' DNG | EUR Miljuni | % ta' DNG | EUR Miljuni  | % ta' DNG | EUR Miljuni               | % ta' DNG |
| Awstrija        | 912          | 0.32      | 799         | 0.27      | 860         | 0.28      | 882         | 0.27      | 930         | 0.28      | 1,193       | 0.35      | 1,479       | 0.42      | 1,110       | 0.30      | 995          | 0.26      | 998                       | 0.26      |
| Belġju          | 2,268        | 0.64      | 2,019       | 0.54      | 1,801       | 0.47      | 1,732       | 0.45      | 1,845       | 0.46      | 1,717       | 0.42      | 2,080       | 0.55      | 1,948       | 0.45      | 2,000        | 0.44      | 1,943                     | 0.43      |
| Bulgarija       | 31           | 0.09      | 35          | 0.09      | 31          | 0.08      | 37          | 0.10      | 37          | 0.09      | 37          | 0.09      | 61          | 0.13      | 55          | 0.11      | 58           | 0.11      | 58                        | 0.11      |
| Kroazja         | -            | -         | 15          | 0.03      | 15          | 0.03      | 32          | 0.07      | 54          | 0.12      | 46          | 0.09      | 37          | 0.07      | 48          | 0.10      | 47           | 0.10      | 47                        | 0.10      |
| Ċipru           | 39           | 0.23      | 27          | 0.16      | 20          | 0.12      | 15          | 0.10      | 15          | 0.10      | 16          | 0.09      | -           | -         | -           | -         | -            | -         | -                         | -         |
| Repubblika Ċeka | 172          | 0.13      | 180         | 0.12      | 171         | 0.12      | 159         | 0.11      | 160         | 0.11      | 179         | 0.12      | 235         | 0.14      | 270         | 0.15      | 273          | 0.14      | 273                       | 0.14      |
| Danimarka       | 2,168        | 0.91      | 2,108       | 0.85      | 2,095       | 0.83      | 2,205       | 0.85      | 2,264       | 0.86      | 2,313       | 0.85      | 2,142       | 0.75      | 2,172       | 0.74      | 2,175        | 0.71      | 2,187                     | 0.72      |
| Estonja         | 14           | 0.10      | 17          | 0.11      | 18          | 0.11      | 23          | 0.13      | 28          | 0.14      | 31          | 0.15      | 39          | 0.19      | 38          | 0.16      | 41           | 0.16      | 41                        | 0.16      |
| Finlandja       | 1,006        | 0.55      | 1,011       | 0.53      | 1,027       | 0.53      | 1,081       | 0.54      | 1,232       | 0.59      | 1,161       | 0.55      | 958         | 0.44      | 961         | 0.42      | 832          | 0.36      | 832                       | 0.36      |



| Stat Membru | 2010         |           | 2011        |           | 2012        |           | 2013        |           | 2014        |           | 2015        |           | 2016        |           | 2017        |           | 2018 (fluss) |           | 2018 (għotja ekwivalenti) |           |
|-------------|--------------|-----------|-------------|-----------|-------------|-----------|-------------|-----------|-------------|-----------|-------------|-----------|-------------|-----------|-------------|-----------|--------------|-----------|---------------------------|-----------|
|             | EUR Milj uni | % ta' DNG | EUR Miljuni | % ta' DNG | EUR Miljuni | % ta' DNG | EUR Miljuni | % ta' DNG | EUR Miljuni | % ta' DNG | EUR Miljuni | % ta' DNG | EUR Miljuni | % ta' DNG | EUR Miljuni | % ta' DNG | EUR Miljuni  | % ta' DNG | EUR Miljuni               | % ta' DNG |
| Franza      | 9,751        | 0.50      | 9,348       | 0.46      | 9,358       | 0.45      | 8,543       | 0.41      | 8,005       | 0.37      | 8,149       | 0.37      | 8,701       | 0.38      | 10,052      | 0.43      | 10,591       | 0.44      | 10,295                    | 0.43      |
| Ġermanja    | 9,804        | 0.39      | 10,136      | 0.39      | 10,067      | 0.37      | 10,717      | 0.38      | 12,486      | 0.42      | 16,173      | 0.52      | 22,368      | 0.70      | 22,182      | 0.67      | 21,926       | 0.63      | 21,162                    | 0.61      |
| Greċja      | 383          | 0.17      | 305         | 0.15      | 255         | 0.13      | 180         | 0.10      | 186         | 0.11      | 215         | 0.12      | 333         | 0.19      | 278         | 0.16      | 239          | 0.13      | 239                       | 0.13      |
| Ungerija    | 86           | 0.09      | 100         | 0.11      | 92          | 0.10      | 97          | 0.10      | 109         | 0.11      | 140         | 0.13      | 180         | 0.17      | 132         | 0.11      | 161          | 0.14      | 161                       | 0.14      |
| Irlanda     | 676          | 0.52      | 657         | 0.51      | 629         | 0.47      | 637         | 0.46      | 615         | 0.38      | 648         | 0.32      | 726         | 0.32      | 743         | 0.32      | 786          | 0.31      | 786                       | 0.31      |
| Italja      | 2,262        | 0.15      | 3,111       | 0.20      | 2,129       | 0.14      | 2,566       | 0.17      | 3,022       | 0.19      | 3,610       | 0.22      | 4,601       | 0.27      | 5,197       | 0.30      | 4,150        | 0.23      | 4,239                     | 0.24      |
| Latvja      | 12           | 0.06      | 14          | 0.07      | 16          | 0.08      | 18          | 0.08      | 19          | 0.08      | 21          | 0.09      | 27          | 0.11      | 28          | 0.11      | 29           | 0.10      | 29                        | 0.10      |
| Litwanja    | 28           | 0.10      | 37          | 0.13      | 40          | 0.13      | 38          | 0.11      | 34          | 0.10      | 43          | 0.14      | 52          | 0.14      | 53          | 0.13      | 50           | 0.11      | 50                        | 0.11      |
| Lussemburgu | 304          | 1.05      | 294         | 0.97      | 310         | 1.00      | 323         | 1.00      | 319         | 1.06      | 327         | 0.95      | 354         | 1.00      | 376         | 1.00      | 401          | 0.98      | 401                       | 0.98      |
| Malta       | 10           | 0.18      | 14          | 0.25      | 14          | 0.23      | 14          | 0.20      | 15          | 0.20      | 15          | 0.17      | 19          | 0.20      | 22          | 0.21      | 26           | 0.23      | 26                        | 0.23      |

| Stat Membru         | 2010         |           | 2011        |           | 2012        |           | 2013        |           | 2014        |           | 2015        |           | 2016        |           | 2017        |           | 2018 (fluss) |           | 2018 (għotja ekwivalenti) |           |
|---------------------|--------------|-----------|-------------|-----------|-------------|-----------|-------------|-----------|-------------|-----------|-------------|-----------|-------------|-----------|-------------|-----------|--------------|-----------|---------------------------|-----------|
|                     | EUR Milj uni | % ta' DNG | EUR Miljuni | % ta' DNG | EUR Miljuni | % ta' DNG | EUR Miljuni | % ta' DNG | EUR Miljuni | % ta' DNG | EUR Miljuni | % ta' DNG | EUR Miljuni | % ta' DNG | EUR Miljuni | % ta' DNG | EUR Miljuni  | % ta' DNG | EUR Miljuni               | % ta' DNG |
| In-Netherlands      | 4,800        | 0.81      | 4,563       | 0.75      | 4,297       | 0.71      | 4,094       | 0.67      | 4,200       | 0.64      | 5,162       | 0.75      | 4,491       | 0.65      | 4,399       | 0.60      | 4,757        | 0.61      | 4,757                     | 0.61      |
| Polonja             | 285          | 0.08      | 300         | 0.08      | 328         | 0.09      | 355         | 0.10      | 341         | 0.09      | 397         | 0.10      | 600         | 0.15      | 603         | 0.13      | 638          | 0.13      | 646                       | 0.14      |
| Portugall           | 490          | 0.29      | 509         | 0.31      | 452         | 0.28      | 368         | 0.23      | 324         | 0.19      | 278         | 0.16      | 310         | 0.17      | 338         | 0.18      | 289          | 0.15      | 330                       | 0.17      |
| Rumanija            | 86           | 0.07      | 118         | 0.09      | 111         | 0.08      | 101         | 0.07      | 162         | 0.11      | 143         | 0.09      | 243         | 0.15      | 195         | 0.11      | 213          | 0.11      | 213                       | 0.11      |
| Repubblika Slovakka | 56           | 0.09      | 62          | 0.09      | 62          | 0.09      | 65          | 0.09      | 63          | 0.09      | 77          | 0.10      | 96          | 0.12      | 106         | 0.13      | 113          | 0.13      | 113                       | 0.13      |
| Slovenja            | 44           | 0.13      | 45          | 0.13      | 45          | 0.13      | 46          | 0.13      | 46          | 0.12      | 57          | 0.15      | 74          | 0.19      | 67          | 0.16      | 71           | 0.16      | 71                        | 0.16      |
| Spanja              | 4,492        | 0.43      | 3,001       | 0.29      | 1,585       | 0.16      | 1,789       | 0.17      | 1,415       | 0.13      | 1,259       | 0.12      | 3,868       | 0.35      | 2,271       | 0.19      | 2,186        | 0.18      | 2,434                     | 0.20      |
| Żvezja              | 3,423        | 0.97      | 4,030       | 1.02      | 4,077       | 0.97      | 4,389       | 1.01      | 4,698       | 1.09      | 6,391       | 1.41      | 4,425       | 0.94      | 4,935       | 1.02      | 4,949        | 1.04      | 4,950                     | 1.04      |
| Renju Unit          | 9,855        | 0.57      | 9,948       | 0.56      | 10,808      | 0.56      | 13,498      | 0.71      | 14,551      | 0.70      | 16,718      | 0.70      | 16,325      | 0.70      | 16,060      | 0.70      | 16,478       | 0.70      | 16,434                    | 0.70      |

| Stat Membru                                                                 | 2010         |           | 2011        |           | 2012        |           | 2013        |           | 2014        |           | 2015        |           | 2016        |           | 2017        |           | 2018 (fluss) |           | 2018 (għotja ekwivalenti) |           |
|-----------------------------------------------------------------------------|--------------|-----------|-------------|-----------|-------------|-----------|-------------|-----------|-------------|-----------|-------------|-----------|-------------|-----------|-------------|-----------|--------------|-----------|---------------------------|-----------|
|                                                                             | EUR Milj uni | % ta' DNG | EUR Miljuni | % ta' DNG | EUR Miljuni | % ta' DNG | EUR Miljuni | % ta' DNG | EUR Miljuni | % ta' DNG | EUR Miljuni | % ta' DNG | EUR Miljuni | % ta' DNG | EUR Miljuni | % ta' DNG | EUR Miljuni  | % ta' DNG | EUR Miljuni               | % ta' DNG |
| Total tal-UE15                                                              | 52,594       | 0.46      | 51,840      | 0.44      | 49,749      | 0.42      | 53,003      | 0.44      | 56,091      | 0.44      | 65,314      | 0.49      | 73,162      | 0.54      | 73,022      | 0.52      | 72,756       | 0.50      | 71,988                    | 0.50      |
| Total tal-UE13                                                              | 863          | 0.09      | 965         | 0.10      | 964         | 0.10      | 1,000       | 0.10      | 1,083       | 0.10      | 1,203       | 0.11      | 1,662       | 0.14      | 1,616       | 0.13      | 1,720        | 0.13      | 1,728                     | 0.13      |
| Total tal-UE28                                                              | 53,457       | 0.44      | 52,805      | 0.42      | 50,713      | 0.39      | 54,004      | 0.41      | 57,174      | 0.41      | 66,516      | 0.46      | 74,825      | 0.51      | 74,638      | 0.49      | 74,476       | 0.47      | 73,716                    | 0.47      |
| L-ODA tal-istituzzjonijiet tal-UE mhix attribwita lill-Istati Membri tal-UE | 3,183        | 0.03      | 3,453       | 0.03      | 4,544       | 0.04      | 2,873       | 0.02      | 2,139       | 0.02      | 1,372       | 0.01      | 2,737       | 0.02      | 1,926       | 0.01      | 1,356        | 0.01      | 727                       | 0.00      |
| ODA Kollettiva tal-UE                                                       | 56,640       | 0.46      | 56,258      | 0.45      | 55,257      | 0.43      | 56,877      | 0.43      | 59,313      | 0.43      | 67,888      | 0.47      | 77,562      | 0.53      | 76,563      | 0.50      | 75,832       | 0.48      | 74,443                    | 0.47      |

Tabella 2: ODA tal-Istati Membri tal-UE lill-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (Netta) 2015-2017

| Stat Membru     | 2015                          |                                                    | 2016                          |                                                    | 2017                          |                                                    |
|-----------------|-------------------------------|----------------------------------------------------|-------------------------------|----------------------------------------------------|-------------------------------|----------------------------------------------------|
|                 | ODA lil-LDCs<br>(EUR Miljuni) | proporzjon<br>ODA/DNG lil-<br>LDCs (% tad-<br>DNG) | ODA lil-LDCs<br>(EUR Miljuni) | proporzjon<br>ODA/DNG lil-<br>LDCs (% tad-<br>DNG) | ODA lil-LDCs<br>(EUR Miljuni) | proporzjon<br>ODA/DNG lil-<br>LDCs (% tad-<br>DNG) |
| Awstrija        | 200.4                         | 0.06                                               | 226.3                         | 0.06                                               | 260.0                         | 0.07                                               |
| Belġju          | 549.5                         | 0.13                                               | 576.5                         | 0.14                                               | 572.3                         | 0.13                                               |
| Bulgarija       | 7.6                           | 0.02                                               | 13.6                          | 0.03                                               | 11.2                          | 0.02                                               |
| Kroazja         | 6.4                           | 0.01                                               | 7.5                           | 0.02                                               | 8.6                           | 0.02                                               |
| Ċipru           | 3.6                           | 0.02                                               |                               |                                                    |                               |                                                    |
| Repubblika Ċeka | 37.1                          | 0.02                                               | 49.9                          | 0.03                                               | 57.9                          | 0.03                                               |
| Danimarka       | 549.5                         | 0.20                                               | 589.7                         | 0.21                                               | 634.4                         | 0.22                                               |
| Estonja         | 5.3                           | 0.03                                               | 6.3                           | 0.03                                               | 5.8                           | 0.03                                               |
| Finlandja       | 386.9                         | 0.18                                               | 292.2                         | 0.13                                               | 289.0                         | 0.13                                               |
| Franza          | 2,142.9                       | 0.10                                               | 1,901.9                       | 0.08                                               | 2,442.7                       | 0.10                                               |
| Ġermanja        | 2,339.9                       | 0.08                                               | 3,239.3                       | 0.10                                               | 3,620.3                       | 0.11                                               |
| Greċja          | 34.3                          | 0.02                                               | 42.7                          | 0.02                                               | 50.6                          | 0.03                                               |
| Ungerija        | 23.4                          | 0.02                                               | 36.2                          | 0.03                                               | 25.6                          | 0.02                                               |
| Irlanda         | 310.7                         | 0.15                                               | 324.5                         | 0.14                                               | 314.6                         | 0.13                                               |
| Italja          | 784.6                         | 0.05                                               | 886.9                         | 0.05                                               | 1,031.1                       | 0.06                                               |
| Latvja          | 4.2                           | 0.02                                               | 5.4                           | 0.02                                               | 5.4                           | 0.02                                               |

| Stat Membru                               | 2015                          |                                                    | 2016                          |                                                    | 2017                          |                                                    |
|-------------------------------------------|-------------------------------|----------------------------------------------------|-------------------------------|----------------------------------------------------|-------------------------------|----------------------------------------------------|
|                                           | ODA lil-LDCs<br>(EUR Miljuni) | proporzjon<br>ODA/DNG lil-<br>LDCs (% tad-<br>DNG) | ODA lil-LDCs<br>(EUR Miljuni) | proporzjon<br>ODA/DNG lil-<br>LDCs (% tad-<br>DNG) | ODA lil-LDCs<br>(EUR Miljuni) | proporzjon<br>ODA/DNG lil-<br>LDCs (% tad-<br>DNG) |
| Litwanja                                  | 8.2                           | 0.02                                               | 9.3                           | 0.03                                               | 9.6                           | 0.02                                               |
| Lussemburgu                               | 138.8                         | 0.40                                               | 148.6                         | 0.42                                               | 157.9                         | 0.42                                               |
| Malta                                     | 1.9                           | 0.02                                               | 0.9                           | 0.01                                               | 3.2                           | 0.03                                               |
| In-Netherlands                            | 934.4                         | 0.14                                               | 1,071.3                       | 0.15                                               | 908.8                         | 0.12                                               |
| Polonja                                   | 112.8                         | 0.03                                               | 166.2                         | 0.04                                               | 100.9                         | 0.02                                               |
| Portugall                                 | 81.1                          | 0.05                                               | 90.1                          | 0.05                                               | 109.8                         | 0.06                                               |
| Rumanija                                  | 27.8                          | 0.02                                               | 35.4                          | 0.02                                               | 37.5                          | 0.02                                               |
| Repubblika Slovakka                       | 16.7                          | 0.02                                               | 17.1                          | 0.02                                               | 19.9                          | 0.02                                               |
| Slovenja                                  | 8.6                           | 0.02                                               | 12.0                          | 0.03                                               | 11.3                          | 0.03                                               |
| Spanja                                    | 279.7                         | 0.03                                               | 500.9                         | 0.04                                               | 521.9                         | 0.04                                               |
| Żvezja                                    | 1,328.1                       | 0.29                                               | 1,271.1                       | 0.27                                               | 1,480.5                       | 0.31                                               |
| Renju Unit                                | 5,514.7                       | 0.23                                               | 5,087.0                       | 0.22                                               | 5,363.5                       | 0.23                                               |
| <b>ODA TOTALI MILL-UE<br/>28 lil-LDCs</b> | <b>15,838.8</b>               | <b>0.11</b>                                        | <b>16,609.1</b>               | <b>0.11</b>                                        | <b>18,054.0</b>               | <b>0.12</b>                                        |